**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**Rikors nru : 51/2024 AGV ;**

**KG**

**Vs**

**IC**

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors taì KG ;

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-partijiet izzewgu fìMalta fit-tletin (30) tì April tas-sena elfejn u sittax( 2016) gewwa Birkirkara;

2. Illi ghal kull buon fini certifikat taz-zwieg taì bejnithom bin-numru 75200 qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

4. Illi l-hajja konjugali taì bejniethom ma baqghetx aktar possibbli u z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet illi huma sufficjenti fil-ligi ghall-ottejement tas-separazzjoni personali;

5. Illi ghalhekk il-partijiet dahlu fìkuntratt pubbliku ta íseparazzjoni, fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono datat l-ewwel t'April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (1/04/2021) u ghalhekk is-separazzjoni taghhom hija regolata bìdan il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

6. Illi ma jezistix l-ebda prospett ragonevjali ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

7. Illi allura ghar-ragunijiet fuq permessi r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 taì Ligijiet taì Malta, huma kollha sodisfatti u ghalhekk jista jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

8. Illi l-artikolu tal-ligi fuq citat jipprovdi divorzju moghti taht l-Artikolu 66B fejn hemm kuntratt taì separazzjoni ma jvarjax l-effetti taì dak diga mifthiem hlief bl-effetti tad-divorzju li johrog mill-ligi;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq permessi, l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Previa kull notifika u jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti liema zwieg sehh fit-tletin taì April tas-sena elfejn u sittax u ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì Malta;

**Il-Qorti rat li l- konvenuta mhux qed toggezzjona ghat-talba tad-divorzju**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 30 ta' April 2016**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**